# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: L-Istudji fil-Kompjuter

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ____**
**Akkademika**: Iva
**Vokazzjonali: _____**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

L-Istudji fil-Kompjuter huwa suġġett xjentifiku li huwa kopert fuq tliet snin u li jipprepara l-istudenti għal aktar studji fl-oqsma varji tal-IT, bħall-Istudji fil-Kompjuter/l-Inġinerija fil-Ħardwer, Softwer/Żvilupp ta' Logħob u l-Intelliġenza Artifiċjali biex insemmu ftit. Dan is-suġġett jipprovdi lill-kandidati b'ħiliet meħtieġa għall-ħajja. B'mod prominenti, isaħħaħ il-ħiliet loġiċi u l-ħiliet fis-soluzzjonijiet tal-problemi. In-numru ta' impjiegi li jirrikjedu l-ħiliet miksuba matul il-lezzjonijiet tal-Istudji tal-Kompjuter għandu jiżdied b'mod drammatiku fil-ġejjieni. Minbarra li huwa suġġett xjentifiku, dan jgħaqqad l-arti, il-loġika, ir-rakkontar tal-istejjer u n-negozju.

Tgħallem il-Kompjuter u d-dinja diġitali tkun tiegħek!

**Lista ta' temi studjati:**

a) Introduzzjoni għas-Sistemi tal-Kompjuter
b) Prinċipji tal-Kompjuter, softwer u ħardwer
ċ) Fehim tad-Dinja Diġitali u l-Loġika tat-Tagħmir
d) Netwerks tal-Komunikazzjoni u t-teknoloġiji tal-Internet
e) Soluzzjoni għall-Problemi u l-Programmar
f) Robotika u Awtomazzjoni
ġ) Hacking Etiku u Sigurtà

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

L-Istudji tal-Kompjuter huwa suġġett li jeħtieġ kemm it-teorija kif ukoll il-prattika. L-attivitajiet tal-klassi li jinvolvu r-robotika u l-ipprogrammar u li jużaw kemm lingwi tal-kompjuter viżivi, kif ukoll dawk li mhumiex, jinfurzaw in-naħa teoretika tas-suġġett.

**Xogħol assenjat għad-dar:**

Matul l-Istudji tal-Kompjuter, l-istudenti huma mistennija li jwettqu kompiti d-dar bħala kontinwazzjoni ta' dak li jiġri waqt il-ħin tal-klassi. Il-kompiti jvarjaw minn worksheets tradizzjonali għal kontenut multimedjali bħalma huma kompiti bażiċi fl-iżvilupp tal-logħob u ta' softwer.

**Assessjar mogħti:**

Matul it-tliet snin tal-kors l-istudenti huma mistennija li jwettqu erba' kompiti ewlenin li jinvolvu: Żvilupp tal-Logħob, Awtomazzjoni bl-użu tar-Robotika, Analiżi għall-Iżvilupp ta' Softwer u Żvilupp ta' Softwer bl-użu ta' lingwa tal-ipprogrammar.

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

| |
|---|
| a. Kompetenzi Diġitali<br>b. Soluzzjoni għall-problemi u ħsieb loġiku<br>ċ. Il-ħsieb komputazzjonali<br>d. Programmazzjoni |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br><br>M'hemm l-ebda rekwiżit speċifiku, iżda n-natura ta' dan is-suġġett tinvolvi li l-istudenti jifhmu bl-Ingliż u huma proficjenti f'suġġetti li jeħtieġu ħsieb loġiku bħall-Matematika u l-Fiżika. |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** Josmar Borg |
| **Indirizz Elettroniku:** josmar.borg@ilearn.edu.mt |